MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 319/2008

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**-vs-**

**Carmel Coleiro (ID 756553M) u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2008 giet kjamata fil-kawza Julia Coleiro, mart Carmel Coleiro**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fl-1 ta' April 2008 li testwalment ighid hekk:

" Illi fl-20 ta' Gunju 2007 din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet taghha, kienet ordnat lill-intimat Carmel Coleiro ihallas nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma mitluba minn martu Julia Coleiro kif ukoll illi jhallas il-manteniment ta' Lm 15 fix-xahar bhala kontribuzzjoni ghal tali spejjez ;

Illi fl-24 ta’ Dicembru 2007, Julia Coleiro ppresentat rikors fejn gharrfet lil dina l-Qorti illi l-intimat kien baqa’ inadempjenti u ma effettwa l-ebda pagament u ghalhekk talbet illi jinbdew proceduri ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti ;

Illi fil-25 ta’ Frar 2008, wara illi l-Qorti rat ir-risposta tal-intimata, ordnat lir-rikorrenti sabiex jinbdew kontra l-intimat proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 ;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex –

1. Issib lill-intimat Carmel Coleiro hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12 ;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi, partikolarment bil-piena kkontemplata fl-Art. 1002 tal-Kap. 12 f’kaz illi l-piena ma tithallasx.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista’ jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew arrest. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur flimkien mad-dokument li kien anness mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-intimat presentata fil-15 ta’ Settembru 2008 li testwalment tghid hekk –

**1.** ***Illi kif jigi muri lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-mori ta’ din il-kawza, l-Intimat Carmel Coleiro : Id number 756553(M) huwa ghalliem tal-affari tieghu mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghandu warajh aktar minn erbgha u ghoxrin sena servizz ta’ taghlim fl-edukazzjoni, il-kultura, id-diportament, l-imhabba***

***ghal pajjizna, u d-deportament u l-agir ta' eluf ta' zghazagh, guvintur u xebbiet li ghaddew minn taht idejh. Illi l-mara tieghu li hija Senior Nursing Aid mad-Dipartiment tas-Sahha u stazzjonata fl-isptar issa MATER DEI tuza certu kuntatti li hi ghandha l-Qorti (bhal per ezempju huha li jahdem ta' Messaggier mal-Magistrat Dr Michael Mallia) biex tara x'ser tivvinta kontra l-Intimat u wahda minn dawn l-invenzjonijiet hija din il-procedura biex l-Intimat jinstab hati ta' Disprezz ghall-Awtorita' tal-Qorti, meta dan mhux il-kaz kif din il-Qorti sejra tisma' u tifli mid-Dokumenti li l-Intimat fi hsiebu li jesebixxi quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti.***

2. Illi jibda l-Intimat biex jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti halli ***tikkjama in kawza*** lill-persuna li kienet responsabbli ghal dawn il-proceduri imma li apparentament flok hallset il-persuna responsabbli ghal dawn il-proceduri, il-piz tal-hlas waqa' fuq l-intimat li dan huwa ragel b'salarju governattiv, missier rispettabbli llum tal-eta' ta' erbgha u hamsin sena (54 sena) u certament dan it-tip ta' nkwiet hekk malli ser tibda sena skolastika gdida xejn ma jaghmillu tajjeb minn kull aspett u cioe' psikologiku, fiziku, finanzjarju, morali, u anka fir-rigward tal-impenn tieghu bhala ghalliem li qed jidher ikrah wisq mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li jkun kostrett ifalli daqshekk biex jattendi l-Qorti daqqa ghal kawzi kriminali, daqqa ghal seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju, daqqa ghal seduti quddiem il-Qorti tal-Familja, issa dawn l-udjenzi quddiem din il-Qorti biex hu jigi ggudikat jekk kienx hata' ta' Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti jew le, u dan qed taghmilulu martu biex proprju tivvendika lilha nfisha minnu l-ewwel billi bniet hajt enormi aktar mis-swar li kellha Malta l-ghaziza taghna fiz-zminijiet fl-imghoddi bejn uliedu u bejn l-Intimat (illi l-Intimat huwa missier ta' zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggiorenni u wahda ghalliema tal-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena u l-iehor jahdem ma' kumpanija tal-ajru Lufthansa li ghandu l-eta' ta' dsatax-il sena) u biex ittellfu l-kredibilita' ma' min ihaddmu, mhux biss id-Dipartiment tal-Edukazzjoni imma anka mal-genituri tal-istess tfal li jghallem li dan ovvjament minn hawn u minn hemm jibdew jisimghu li s-'Sir' daqqa jigi u

daqqa ma jigix u dan ovvjament qed taghmel hsara mmensa lill-istess intimat kif jaf ben tajjeb l-Onorevoli Imhallef li qed jippresjedi fil-Qorti tal-Familja fil-kawza ta' Firda Legali Citazzjoni Numru: 351/05 – JA fl-ismijiet "Julia Coleiro -vs- Carmel Coleiro" li tinsab differita ghal nhar il-Gimgha, 24 ta' Ottubru, 2008 f'nofsinhar ghall-Kontinwazzjoni tal-Provi Attrici li ilha tkaxkar bihom is-snin u qatt ma tipproduci xejn rilevanti imma dejjem tinqeda b'kull skuza bhal dawn il-proceduri odjerni biex issa tressaq lil zewgha b'dawn l-akkuzi ta' allegatament Disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-wisq Onorabbli Qorti.

3. Illi ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti certament m'ghandhiex issib hati lill-Intimat Carmelo Coleiro la ta' Disprezz ghall-Awtorita' taghha u lanqas biex jigi kkundannat konsegwenzjalment ghall-pieni preskritti mil-Ligi inkluz it-theddida ta' karcerazzjoni : qeghdin nitkellmu fuq ragel serju hawn kif il-Qorti sejra tigi umilment murija mid-Dokumenti li l-Intimat ma xtaqx jesebihom u ser jibda billi jwiegeb kronologikament b'Dokumentazzjoni ghall-ewwel tliet paragrafi tar-Rikors Guramentat tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

4. ***Illi l-Esponenti gie mgharraf minn bintu ta' tlieta u ghoxrin sena Antonella Coleiro li ftit wara li kien halla d-Dar Konjugali f'Elba fi Triq il-Knisja gewwa Hal-Tarxien nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu, kien mar Marixxall tal-Qrati tal-Gustizzjar tar-Repubblika ta' Malta u affissa mal-bieb tal-Garaxx permezz ta' sticky – tape r-Rikors Guramentat odjern b'indikazzjoni cara li l-Initimat Carmel Coleiro : Id number 756533(M) javvicina mill-ewwel lill-Konsulent Legali tieghu, kif hekk ghamel billi cempel lil Dr Emmy Bezzina malli bintu ghaddietlu f'idejh ir-Rikors li ghalih l-Intimat issa sejjer jaghmel ir-Risposta Guramentata tieghu.***

5. Illi ***nel frattemp*** il-Konsulent Legali tieghu Dr Emmy D. Bezzina ta parir lill-Intimat biex imur u jsib il-Process fir-Registru tal-Qrati tal-Gustizzja u minn hemm l-Intimat sar jaf li proprju f'jum it-Tlieta, 2 ta' Settembru, 2008, kien deher fil-Gazzetta tal-Gvern Avviz datat 29 ta' Awissu,

2008, fejn indika li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghal nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru 2008, fid-disgha u kwart ta' filghodu.

6. Illi dan ifisser illi filwaqt li l-Intimat jirnexxielu jiffranka l-ispejjez biex ma jidhrux l-Avvizi f'zewg gurnali skond il-Procedura tal-Affissjoni, ried isir decizjoni dwar minn liema jum kellhom jibdew jiskattaw l-ghoxrin (20) jum ghall-iskadenza tal-perjodu ghar-Risposta Guramentata tal-Esponenti.

7. Illi *considerando* li l-Esponenti ffirma Nota *tramite* l-Konsulent Legali tieghu Dr Emmy D. Bezzina nhar il-5 ta' Settembru, 2008, li huwa kien qed jaghti lilu nnofsu bhala **notifikat** bl-Atti tar-Rikors hawn fuq indikat, skont kif jirrizulta minn Nota esebita fl-Atti Processwali ta' din il-kawza, allura l-Esponenti b'rispett lejn il-wisq Onorabbli Qorti ddetermina li z-zmien ghall-prezentata tar-Risposta Guramentata tieghu u l-Kontro-Talbiet kienu jiskadu f'jum it-Tnejn, 22 ta' Settembru, 2008 fuq ir-regola tad-***dies a quo*** : dan minhabba l-kjarifika ta' meta sehhet in-Notifika ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti qieghda ssirilha referenza ghall-fatt illi pendenti bejn l-intimate u l-mara tieghu hemm kawza ghall-Firda Legali pendenti, Rikors Numru: 351/05 – JA, fl-ismijiet "Julia Coleiro -vs- Carmel Coleiro", liema kawza ghadha fl-istadju tal-gbir tal-provi da parti ta' mart l-intimat li deliberatament qieghda ggebbed seduta wara l-ohra li hafna minnhom kienu litteralment hin mitluf imma li kull darba tipprova ssib xi haga biex ghal xi raguni jew ohra tkompli ttawwal il-procedura tal-Firda Legali u effettivament il-kawza tinsab differita ghall-jum tal-Gimgha, 24 ta' Ottubru, 2008, f'nofsinhar quddiem il-Qorti tal-Familja ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, u hemm ukoll seduta ffissata mal-Assistenta Gudizzjarja ghal nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru, 2008, f'nofsinhar meta suppost anka fuq struzzjonijiet tal-Qorti Kompetenti, **Julia Coleiro** ilha li ghalqet il-provi zmien konsiderevoli ilu.

9. Illi din il-wisq Onorabbli issa sejra tinghata stampa relatata specifikament mat-Talbiet tar-rispettabbli Direttur: Qrati Civili u Tribunali biex ma jinheliex hin prezzjuz lil din il-wisq Onorabbli Qorti li ghandha hafna xoghol iehor x'taghmel.

10. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha quddiemha Dokument li juri li nhar l-24 ta' Dicembru, 2007 mart l-intimat **Julia Coleiro** kienet intavolat Rikors quddiem il-Qorti Kompetenti li jirrigwarda Digriet tal-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja datat 20 ta' Gunju, 2007, fejn l-intimat **Carmel Coleiro** kien gie ordnat ihallas 'nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma gia mitluba mill-Attrici' kif ukoll 'b'effett mill-1 ta' Gunju, 2007, ihallas lill-Attrici s-somma ta' hmistax il-Lira Maltin fix-xahar bhala manteniment ghall-ispejjez imsemmija'.

11. Illi l-intimat **Carmel Coleiro** issa sejjer ifisser lil din il-Qorti kif huwa effettivament bl-ebda mod ma mar kontra d-Digriet tal-Qorti Civili: Sezzjoni Familja tal-20 ta' Gunju, 2007 u dan meta tqis li l-ewwel premessa tar-rispettabbli Direttur: Qrati Civili u Tribunali ghamlet proprju referenza ghad-Digriet tal-Qorti Kompetenti tal-20 ta' Gunju, 2007.

12. "Illi din il-wisq Onorabbli Qorti fuq ir-Rikors Guramentat tar-Rispettabbli Direttur: Qrati Civili u Tribunali tenniet li jiena kont ordnat biex inhallas nofs il-kontijiet tad-dawl u l-ilma mitluba minn marti **Julia Coleiro** kif ukoll li nhallas il-manteniment ta' hmistax il-Lira Maltin fix-xahar bhala kontribuzzjoni ghal tali spejjez: it-twegiba tieghi hija fil-qosor li jiena lill-Qorti Kompetenti spjegajtilha dawn il-fatti u l-Ewwel Qorti ddikjarat fl-udjenza stess li hi ma ridietx tiehu in konjizzjoni aktar tat-Talbiet ta' marti li hija r-Rikorrenti/Attrici fil-kawza tal-Firda Legali li ghandna pendenti, wara li jiena fissirt dawn ic-cirkostanzi:-

13. Illi fil-qosor ser nibda biex nispjega kif inhuma l-fatti kollha. Mill-2004 jiena kont hallast dirett il-kontijiet kollha pendenti tad-dawl u l-ilma lid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Ilma, il-Water Services Corporation – mija u tnax-il Lira u tlieta u ghoxrin centezmu fid-29 ta' Awwissu, 2003 u mija u tlieta w erbghin Lira u hamsa u sebghin centezmu fit-23

ta' Frar tal-2004. Illi mix-xahar ta' wara preciz fit-3 ta' Marzu, 2004 jiena bdejt naghti lil marti Julia s-somma ta' mitejn Lira fix-xahar kull xahar sa Dicembru tal-2004 ghal spejjez korrenti nkluz dak tad-dawl u l-ilma, li jammontaw ghal elf, hames mija u tmenin Lira.

14. Illi din is-somma hija ferm akbar mis-somma li qed titlob marti Julia ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma ta' sitt mija u tlettax-il Lira u hamsin centezmu nkluz manteniment. Dawn id-Dokumenti huma sostanzjali bid-Dokumenti D1 u D2, D3 u D4 u d-Dokumenti immarkat E. Precizament dan id-Dokument E kienet kitbitu marti stess u huwa awtentiku.

15. Dokument C1. Illi bejn Dicembru tal-2006 u Jannar tal-2008 jiena ghaddejt direttament fil-kont bankarju ta' marti Julia s-somma ta' sittin Lira fix-xahar, kull xahar, li tammonta ghal tmien mija u erbghin Lira Maltija, li dawn kollha kienu hlas zejda peress li ibni Christopher kien diga' ghalaq it-tmintax-il sena fl-1 ta' Dicembru tal-2006. Hawnhekk qed nesebixxi Dokument A u Dokument B u li suppost waqfu minn Novembru tal-2006.

16. Illi dawn id-Dokumenti D1, D2, D3, D4 u DE tant huma veri u awtentici li anka marti Julia pprezentathom lil din il-Qorti sa mill-4 ta' Gunju. Kienu diga' gew prezentati fil-Qorti tal-Familja b'Talbiet urgenti biex il-Qorti tirregola s-sitwazzjoni, hekk kienet intitolata t-Talba.

17. Illli wkoll fis-26 ta' Ottubru tal-2005 kont hallast taxxa ta' marti Julia ta' mija u tletin Lira li s'issa ghadni ma hadtx lura u sa issa qed inhallas interessi ta' wiehed fil-mija fix-xahar. Dan hemm Dokument F.

18. Dawn il-hlasijiet kollha saru ferm qabel l-20 ta' Gunju, tal-2007 u ghalhekk it-Talbiet ta' marti kienu u huma infondati u foloz.

19. Illi hawn jidher bic-car daqs il-kristall li jiena Carmel Coleiro: ID number 756553(M) qatt ma ksirt l-ebda Decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

## ***L-Ewwel Disa' Dokumenti***

20. Illi rigwardanti dak illi ghadni kif tennejt, jiena qieghed hawn nesebixxi disa' Dokumenti li tajthom il-Prefiss **Spiderman 1** sa **Spiderman 9** u hawn brevement imfissra jirreferu ghal:-

21. "**Spiderman 1** u **Spiderman 2** juru l-hlasijiet kollha regolari li kont naghmel jien lid-Dipartiment tal-Water Services Corporation jigifieri tad-dawl u l-ilma mit-2 ta' Gunju, tal-1990 sal-2006. Jidher bic-car fejn jiena kont semmejt li hallast dawk iz-zewg pagamenti – il-mija u tnax-il Lira u l-mija u tlieta w erbghin Lira. **Spiderman 3** huwa l-kont attwali li jiena ghaddejt lil Water Services Corporation, jigifieri l-ircevuta. **Spiderman 4** hija wkoll l-ircevuta li jiena hallast lid-Dipartiment tal-Ilma. **Spiderman 5** huwa l-kopja awtentika li marti Julia kitbet hija stess bil-handwriting taghha tal-flus li jiena kont nghaddilha xahar wara xahar, jigifieri minn Marzu sa Dicembru tal-2004. **Spiderman 6** hija l-kopja li l-Avukata Elaine Ellul ghaddiet lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex lili tibda titnaqqasli s-sittin lira fix-xahar u hawnhekk bil-highlighter l-istess Avukata kienet qalet li fl-1 ta' Dicembru tal-2006 dawn il-flus kellhom jieqfu. **Spiderman 7** – zewg dokumenti – hawn hawn kuntatt bejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni precizament is-Sur Tonio Briguglio meta lili gharrafni ghaliex ghandhom qed jonqsu s-Sittin Lira. Sa Jannar tal-2008 kienu ghadhom qed jinqsuli s-sittin Lira. Fuq wara hemm il-karta ta' Julia Coleiro fejn qed tidhol is-sittin Lira u hawn irrid nirreferi li s-sittin Lira bdew imorru ghandha pero' bl-indirizz c/o Raymond Schembri, 21, Triq il-Girien, Birzebbugia, Malta. **Spiderman 8** u ghandu sensiela ta' dokumenti mieghu, huwa Dokument li baghtli d-Dipartiment tal-Edukazzjoni lilli f'Awwissu tal-2007 fejn informani li s-sitton Lira biex bhalma Dr Elaine Ellul baghte karta biex jibdew jinqatghu, suppost xi hadd kien ser jibghatha lura, pero' sfortunatament Dr Ellul ma baghtitx karta fl-ahhar biex jaqtawhom, allura jien ma stajtx inwaqqafhom, setghu jieqfu biss b'decizjoni tal-Avukati biss, u dawn kollha zejda. Hemmhekk l-Avukata lili bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem baghtet turrun karti li

m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-edukazzjoni, pero' fil-fehma tieghi kien hsieb biss biex ihammigli ismi max-xoghol tieghi. Dokument **Spiderman 9** juri li fis-26 ta' Ottubru tal-2005 meta jien mort niccekkja fl-Income Tax, hawnhekk gharrfuni li ghaliex marti kienet hallset anqas fir-*return* tat-taxxa u jien peress li ghadni nirresjedi fl-istess residenza, dawn peress li hallset anqas ghaddewhom fuq l-income tax tieghi, u hawnhekk jidher fuq kitba taghhom stess u hemm tidher bic-car, minus Lm138, li dawn gejt irrid inwiegeb ghalihom jien u sal-lum ghadhom qed jaqtughli bil-1% fix-xahar. Dawn huma l-Elenku ta' Dokumenti li jiena qed nannetti ma' din ir-Risposta Guramentata tieghi ghar-Rikors Guramentat tad-Direttur: Qrati Civili u Trinubali li jiena rrid inwiegeb ghalih quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2008 Awla 17, fid-disgha u kwart ta' filghodu.

***<u>Rikors tal-24 ta' Dicembru, 2007.</u>***

22. Illi f'dan l-istadju l-Esponenti sejjer iwiegeb ghat-tieni paragrafu tar-Rikors Guramentat tal-abbli Direttur: Qrati Civili u Tribunali, u cioe' dwar ir-Rikors li **Julia Coleiro** pprezentat f'lejliet il-Milied (strategija deliberanti kif evidentement li l-Qorti zgur li ntebhet) fejn mart l-Intimat Esponenti odjern gharrfet lil din il-wisq Onorabbli Qorti li zewgha kien baqa' inadempjenti u ma affettwa ebda pagament, u ghalhekk tablet li jibdew proceduri ta' Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

24. Illi dan kollu ma huwa minnu xejn kif diga' fisser u wera b'Dokumentazzjoni l-Esponenti / Intimat u lest li dan jissostanzjah b'aktar Dokumentazzjoni u evidenza u li jtella' persuni li kienu nvoluti f'dawn it-transazzjonijiet fiskali u finanzjarji. Illi kieku l-Esponenti/Intimat kellu l-mezzi finanzjarji huwa kien anka jaghmel **Kontro-Talbiet** f'dan ir-Rikors Guramentat odjern biex juri l-Qorti kemm il-mara tieghu mhux biss hija zlejali lejn din il-Qorti, imam qieghda tipprova tohloq inkwiet infondat u dan biex tipplaka u tissodisfa mikrobu li dahlilha fis-sub-konxju taghha dwar ir-ragel taghha, liema mikrobu ghin biex ikisser totalment il-hajja tal-Intimat / Esponenti u tal-

eghziez zewg uliedu li t-tnejn li huma maggiorenni llum. Illi ghalhekk l-Intimat / Esponenti ghandu dan li jsegwi xi jghid:-

25. “Illi fir-Rikors ta’ Julia Coleiro: ID Number 130356(M) tal-24 ta’ Dicembru tal-2007 ma hemm xejn gdid hlief li Julia Coleiro rrepetiet fil-qosor hafna dak li qalet u pprezentat quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Familja tal-25 ta’ April, 2007.

26. Illi jiena, Carmel Coleiro: ID Number 756553(M) kont diga’ spjegajt fir-Rikors Urgentissimu wkoll quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Familja datata 19 ta’ Gunju tal-2007 kif ukoll fl-Affidavit tieghi Dokument KK1 li juri li jien kont deprevat milli nuza d-dawl ghax din marti Julia sa mill-bidu tas-sena 2006 kienet ta’ kuljum u kontinwament sal-gurnata mqaddsa tal-lum taqtaghli litteralment il-provvista tad-dawl il-hin kollu, tali li Julia toqghod ghassa biex hekk kif jiena nipprova nerga’ nqabbad id-dawl fil-pront terga’ taqtaghuli.

27. Illi hawnhekk qed nisebixxi erbatax-il Dokument ta’ Rapport li jiena ghamilt fl-Ghassa tal-Pulizija. Ukoll hawn sitt Ritratti li juri kif taqta’ u taqla’ d-dawl. Dawn ir-Rapporti tal-Pulizija jkunu ndikati bhala **Spiderman 10, Spiderman 11, Spiderman 12, Spiderman 13, Spiderman 14, Spiderman 15, Spiderman 16, Spiderman 17, Spiderman 18, Spiderman 19, Spiderman 20, Spiderman 21, Spiderman 22, Spiderman 23. Spiderman 24 sa Spiderman 26** huma r-ritratti li ser nesebiixi wkoll maghhom.

28. Id-Dokumenti li huma minn **Spiderman 10** sa **Spiderman 23** juru r-Rapporti li ghamilt l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal Gdid f’diversi okkazjonijiet kull darba li taqta’ d-dawl u tkun naqra aktar gravi mis-soltu. **Spiderman 24** sa **Spiderman 26** huma r-ritratti li jiena hadt tal-*wires* maqtughin.

29. F’diversi okkazjonijiet l-Ispetturi tal-Ghassa ta’ Rahal Gdid ukoll ghax kont prezenti jien lil Julia Coleiro wara dawn ir-Rapporti tad-dawl ghax huma kollha jistghu jixhdu

fuqha u ‘l quddiem ser naghmel l-elenku tal-Pulizija, l-Ispetturi kollha li kienu f’dawn ir-Rapporti, qalulha bil-kliem ezatt “taghmilx hmerijiet bhal dawn”, kemm ‘il darba qalulha “taghmilx hmerijiet bhal dawn”.

30. Illi d-disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti hija nvenzjoni tal-mara tieghi u mhux kienet miktuba minn xi Awtorita’ tal-Qrati Maltin u ghalhekk hija nfondata. Qed nuri dan b’Dokument immarkat bhala INV li issa gej **Spiderman 27**. Dan huwa r-Rikors tal-Attrici tal-24 ta’ Dicembru tal-2007.

31. ***Illi, ghaldaqstant, ma huwa minnu xejn li l-Intimat Carmel Coleiro: ID Number 756553(M) baqa’ inadempjenti u ma effettwa l-ebda pagament u ghalhekk qatt ma kienet gustifikata t-talba ta’ mart l-Intimat li jinbdew proceduri ta’ Disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti***.

32. Illi **Julia Coleiro** li llum ghandha l-eta’ ta’ kwazi hamsin sena ghaddejja minn perjodu ikrah ta’ dipressjoni qawwija, u tiehu pilloli qawwija skond kif gie ppruvat quddiem il-Qorti tal-Familja a bazi ta’ Dokumentazzjoni li ser tintwera wkoll lil din il-wisq Onorabbli Qorti, u ghandha fissazzjoni li r-ragel taghha l-Intimat qieghed f’relazzjoni ma’ xebba li fil-wisq tigi t-tifla tal-Intimat / Konvenut u ghaldaqstant din il-wisq Onorabbli qed jigi mfisser lilha li **Julia Coleiro** taf ben tajjeb li l-Intimat / Konvenut qatt ma kiser xi Digrieti tal-Qorti imma l-Intimat / Konvenut ma jistax joqghod kapriccozament jidhol fi proceduri ta’ Qorti ‘il ghaliex huwa ghalliem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u mis-salarju li jdahhal ma jistax ikun illi joqghod jibda diversi proceduri quddiem il-Qrati taghna li litteralment honquh u hallewh bla ebda energija. Illi pero’ jassigura lil din il-wisq Oonorabbli Qorti li qatt ma kellu xi ntenzjoni li jmur kontra xi ordni tal-Qorti u ghalhekk sejjer fil-mori ta’ dawn il-proceduri jressaq Dokumenti li huwa ntavola fik-kawza ta’ Separazzjoni ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef **Joseph Azzopardi**, li juri lil din il-Qorti partikolari ossija l-Prim’Awla tal-Qorti Civili li mhu veru xejn li huwa mar kontra xi Ordni tal-Qorti, kif kien spjega lill-Qorti tal-Familja u il-Qorti tal-Familja qalet lill-Intimat li fic-

cirkostanzi ghalhekk hija ma kenitx ser tiehu konjizzjoni tar-Rikorsi ta’ **Julia Coleiro**.

33. Illi huwa veru li fil-25 ta’ Frar, 2008 wara li l-Qorti tal-Familja rat ir-Risposta tal-Intimata din ordnat lir-Rikorrenti sabiex jinbdew kontra l-Intimat procedure ghal Disprezz lejn l-Awtorita’ taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12: u ghalhekk li sejjer l-intimat huwa li jigbor id-Dokumentazzjoni kollha li hemm quddiem il-Qorti Civili: Sezzjoni tal-Familja, u partikolarment u limitatament ghall-punti sollevati mill-Qorti tal-Familja a bazi tad-Digriet tal-20 ta’ Gunju, 2007, biex din il-wisq Onorabbli Qorti tara kemm ma huwa minnu xejn li l-Intimat/Konvenut mar kontra xi Qorti ta’ din il-wisq Onorabbli Qorti.

34. Illi kwindi mart l-Intimat ordnat illi jsiru dawn il-proceduri kontra zewgha w id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ghamel kawza kontra Carmel Coleiro; ID Number 756553(M), imma bir-rispett kollu kien ikun aktar gust kieku d-Direttur: Qrati Civili u Tribunali ghamel dawn il-proceduri kontra l-konjugi **Coleiro** biex **Julia Coleiro** tkun taf xi tfisser li tghaddi minn dawn il-proceduri u taghti t-twegiba taghha hi, kif hi li taf bizzejjed kamm zewgha ma ghamel xejn li b’xi mod kiser id-Digriet tal-Qorti tal-Familja, xi twiegeb hi ghal akkuzi simili li saru kontra zewgha.

35. Illi ghalhekk l-Intimat sejjer jesebixxi fil-mori ta’ din il-kawza kwantita’ Dokumenti apparti minn dawk li diga’ gew esebiti ma’ din ir-Risposta Guramentata odjerna bil-Prefiss Spideran 1 sa Spiderman 27 fejn din il-wisq Onorabbli Qorti qed tinghatalha hjiel li sejjer jigi aktar amplifikat fil-mori tal-kawza b’esebizzjoni ta’ aktar Dokumenti li ma huwa minnu xejn li l-Intimat huwa hati ta’ Disprezz lejn l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

36. Illi fir-rigward tat-Tieni Talba tar-rikorrenti, l-Intimat / Konvenut jissottometti bl-akbar umilta’ li gialadarba huwa qatt ma kellu ebda ntenzjoni li jkun xi kagun ta’ Disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Onorabbli Qorti tal-Gustizzja taghna, huwa jirrespingi s-sottomissjoni tar-Rikorrenti b’kull rispett li huwa ghandu jigi kkundannat ghall-pieni preskritti fl-

istess Titolu XVII, partikolarment bil-piena kif ikkontemplata fl-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 12 f'kaz illi l-piena ma tithallasx.

37. Illi r-Rikorrenti jrid jifhem xi tbatija fissret ghall-Intimat il-proceduri ta' Firda Legali li ghamlitlu martu, li din tal-ahhar ma kellha xejn u bhala Samaritan it-Tajjeb, l-Intimat / Konvenut dahhalha go daru fejn il-proprjeta' parafernali tieghu d-Dar Konjugali; li z-zewgt itfal li kellu minn martu llum it-tnejn maggiorenni ta' tlieta w ghoxrin sena u dsatax –il sena rabbihom mill-ahjar li seta' u edukahom u llum prattikament saru ghedewwa tieghu minhabba t-tixwix li ommhom taghmel kontra tieghu maghhom sa minn mindu kienu zghar u issa dawn il-procedurii ghad-Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti li huma legalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

38. Illi l-Intimat kien inklinat li jaghmel il-Kontro-Talbiet u li jitlob lil din il-Qorti permezz ta' Rikors halli tikkjama fil-kawza lil mara tieghu imma issa ta struzzjonijiet lill-Konsulent Legali tieghu biex jitlob halli **Julia Coleiro** tigi kjamata fil-kawza verbalment u li f'kull kaz zgur li ha tittella' tiddeponi quddiem din il-wisq Onorabblui Qorti biex il-Qorti tkun tista' tevalwa l-agir u l-atteggjament, l-attitudni w ir-reazzjoni ta' Julia Coleiro meta twiegeb anka ghal domandi semplici kemm tipprova tahrab mill-verita' kif ghamlet issa meta biex tpattiha lil zewgha ghall-flieles li ghandha f'rasha, talbet li jittiehdu dawn il-proceduri kontra l-istess zewgha meta **Julia Coleiro** taf ben tajjeb illi zewgha ma huwa hati tal-ebda Disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

39. Illi kwindi l-Intimat / Konvenut ma ghandux ibati ebda spejjez, la dawk gudizzjarji u anqas extra gudizzjarji ghad illi huwa sejjer jigi l-Qorti bhal haruf ghas-sagrificcju fejn jittama li ma jigix issagrifikat billi huwa ghalliem ta' certu responsabilita', ghandu l-eta' ta' erbgha u hamsin sena u jixtieq li jtemm il-karriera tieghu ta' surmast b'kuluri gratifikanti kif dejjem kellu mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'dawn il-hamsa u ghoxrin sena kwart ta' seklu kemm ilu jaghti dan is-servizz lill-pajjiz, ahseb u ara kemm sejjer jipprova jxellef id-dinjita, l-unur u l-integrita'

tieghu b'xi attentat biex jonqos mir-rispett dovut lejn id-Digrieti tal-wisq Onorabbli Qorti tal-Gustizzja taghna. Illi ghaldaqstant din il-Qorti sserrah rasha li huwa sejjer jidher u m'hemmx ghalfejn illi b'xi mod jigi mwissi li jekk ma jidhirx il-Mandat ta' Skorta jew ta' Arrest jista' jigi enforzat kontra tieghu, ghad illi din il-wisq Onorabbli Qorti kif ippresjeduta ghandha tkun taf li l-karti li twahhlu tal-Affissjjoni ma thallewx imwahhla u li xi hadd qalaghhom, u li kieku ma kenitx ghal bintu, **Antonella Coleiro**, kieku l-Intimat / Konvenut biss kien ikun jaf li kien hemm dawn il-proceduri u allura din hija strategija ohra ta' mart l-Intimat / Konvenut biex zewgha jigi kkalpestat u jekk jista' jkun anka jitlef l-impjieg tieghu mal-Istat u biha tigi effettwata l-pensjoni tieghu li hu jkun intitolat ghaliha bl-ghajnuna ta' Alla minn hawn u ftit ta' snin ohra.

40. Illi fl-ahhharnett l-Intimat / Konvenut qieghed jgharraf lil din il-Qorti li huwa bi hsiebu jtella' xhieda u anka Dokumenti mill-Atti Processwali tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Familja li biha jipprova li dak li issa qed jikkonferma bil-gurament huwa l-verita', il-verita' kollha u xejn hlief il-verita' kollha: Hekk Alla jghinu! ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti minnu.

**Rat** id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-17 ta' Novembru 2008 (fol 208) fejn kienet ordnata l-kjamata fil-kawza ta' mart il-konvenut, Julia Coleiro.

**Rat** li ghalkemm fit-18 ta' Marzu 2009 il-kjamata fil-kawza kienet debitament notifikata bir-rikors mahluf (fol 214) u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (tergo ta' fol 213) hija baqghet kontumaci.

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-attur fejn ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2009 (fol 218).

**Semghet** ix-xhieda *viva voce* tal-konvenut f'dik l-istess udjenza.

**Hadet** konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2009 (fol 218) fejn ghalaq il-provi tieghu.

**Semghet** is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Mill-assjem tal-provi li tressqu, irrizulta li l-fatti tassew **rilevanti** ghall-accertament tat-talbiet u ta' l-eccezzjonijiet kienu dawn –

1) Fix-xhieda tieghu waqt l-udjenza tat-2 ta' Lulju 2009, il-konvenut xehed li huwa dejjem effettwa l-hlasijiet dovuti minnu. Ghalhekk ma jistax jitqies hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

**2) Waqt il-kontroesami li sar fl-istess udjenza tat-2 ta' Lulju 2009, u in sostenn tal-pretensjoni tieghu li huwa kien tassew osserva dak li kien ordnat minn din il-Qorti (Sezzjoni Familja), il-konvenut ghamel riferenza ghal DOK E fol 64. Mistoqsi l-konvenut jekk kellux ricevuta ghad-dokument a fol 64, il-konvenut wiegeb hekk –** ***Le m'hemmx. Le dik hija awtentika.***

**3) Fl-istess kontroesami, id-difensur tal-attur baqa' jinsisti u staqsa lill-konvenut hekk –** ***Biex issostni l-argument tieghek kontra dak li qed tghid il-mara tieghek apparti dik ir-ricevuta a fol 64 hemm xi ohra barra dik ?*** **Il-konvenut wiegeb hekk –** ***Le m'hemmx ohra.***

4) Bhala sfond tal-premess, din il-Qorti tghid li fl-20 ta' Gunju 2007, din il-Qorti (Sezzjoni Familja) tat digriet fejn ordnat lill-konvenut sabiex ihallas lil martu Julia

Coleiro nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma li kienet talbitu jhallas kif ukoll li b'effett mill-1 ta' Gunju 2007 il-konvenut ihallas lill-istess martu s-somma ta' Lm 15 fix-xahar bhala manteniment ghal dawk l-ispejjes.

5) L-ghoti ta' dan id-digriet mhux kontestat mill-konvenut.

6) Skond Julia Coleiro, zewgha baqa' inadempjenti. Ghalhekk talbet li jittiehdu l-proceduri tal-lum permezz ta' rikors li ppresentat fl-24 ta' Dicembru 2007 quddiem din il-Qorti (Sezzjoni Familja).

7) Permezz ta' digriet taghha tal-25 ta' Frar 2008, din il-Qorti (Sezzjoni Familja) ordnat li tigi istitwita l-kawza tal-lum (fol 70).

8) Irrizulta li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma jirrigwardaw il-fond Elba, Triq il-Knisja, Tarxien.

9) Kienu esebiti r-ricevuti tad-dawl u ilma li hallset Julia Coleiro mix-xhur ta' Mejju 2006 sax-xahar ta' April 2007.

10) **<u>A fol 64 tal-process jirrizulta dokument markat E (li l-konvenut fix-xhieda tieghu jattribwixxi bhala rilaxxjat minn martu) fejn hemm numru ta' dati kull xahar li jibdew minn April 2004 u jispiccaw f'Dicembru 2004</u>**. Hdejn kull data, bl-eccezzjoni tax-xhur ta' Novembru u Dicembru 2004 fejn ma hemm l-ebda ammont u x-xahar ta' Settembru 2004 fejn hemm figura ta' Lm 180, hemm figura ta' Lm 200. It-total ta' dawn il-figuri huwa ta' Lm 1,580.

**Ikkunsidrat –**

11) Fis-sentenza **"<u>Bonello vs Onor. Prim Ministru et</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 inghad li *l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap.12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-*

*kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*

12) Wahda mill-poteri ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni (**C.J. Miller – *Contempt of Court*** – 2nd Edition 1990 – 25-29). L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ghal dawk l-ordnijiet (**Vol.XXIX.II.1023 ;** "**Camilleri noe vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

13) Fis-sentenza tieghu fil-kawza ***In Re Bramblevale Limited*** (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut hekk – *This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court.* ***It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.*** (enfasi ta' din il-Qorti)

14) U tibqa' ta' dik ix-xorta anke jekk jiehu sura ta' proceditment civili bhal fil-kaz in ezami (**Vol.LXXV.II.526**)

15) Ghalhekk l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita' taghha (PA/RCP – 12 ta' Dicembru 2001 – "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi**"**).**

**16) Il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b'mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (Vol.LXVII.II.7)**

17) Izda l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna akkuzata tqisx l-ordni moghti lilha bhala korrett jew le. Is-siwi ta' dik l-ordni sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnfisha jew ta' Qorti ohra huwa raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien null u bla effett – (Appell Civili – 7 ta' Ottubru 1997 – "**Camilleri noe vs Vella**"**).**

18) Ghalhekk il-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skond il-kaz ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta' din ix-xorta qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur odjern m'ghandux x'jirbah xejn b'tali proceduri ghajr li jizgura li tkun imharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja **(Vol.LXXIV.III.546)**

**Ikkunsidrat –**

19) Is-sottomissjonijiet finali tal-attur kienu dawn –

a) L-ahjar prova li l-konvenut ma obdiex l-ordni tal-Qorti kien il-fatt li meta xehed, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova tal-hlasijiet li jghid li ghamel favur martu.

b) Ir-ricevuta a fol 64 tal-process (DOK E) li skond il-konvenut tikkostitwixxi l-prova tal-hlasijiet li ghamel favur martu tirrigwarda perijodu li *jipprecedi* d-digriet in kwistjoni.

c) Wara l-ordni *de qua*, jirrizulta li l-konvenut ma hallas xejn.

20) Is-sottomissjonijiet finali tal-konvenut kienu dawn –

a) Id-dokument a fol 64 huwa konferma li l-konvenut hallas lil martu Lm 1,580 ghall-ispejjes tad-dawl u ilma tad-dar taz-zwieg.

b) Id-dokument a fol 68 huwa prova li ghar-rigward tal-*payslip* datata 28 ta' Jannar 2007 il-konvenut ma ppercepixxa l-ebda pagament mis-salarju tieghu.

c) A fol 105, hemm konferma mill-Ministeru tal-Edukazzjoni li b'effett mill-21 ta' Lulju 2006 (id-data tad-digriet de quo) kienet qed titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut is-somma ta' Lm 60 pagabbli direttament lil

martu Julia Coleiro sabiex tassikura l-osservanza ta' dak id-digriet.

d) Mart il-konvenut, kjamata fil-kawza, baqghet kontumaci u b'ebda mod ma kkontradiciet bil-gurament taghha l-affermazzjoni tal-konvenut li huwa osserva d-digriet tal-Qorti.

**Ikkunsidrat –**

21) Din il-Qorti **hasbet fit-tul** dwar il-kwistjoni, li biha tinsab rinfaccjata, u frankament ma tistax tifhem ghaliex fl-istadju tal-provi tieghu, l-attur ma ressaqx bhala xhud lill-kjamata fil-kawza **(l-aqwa xhud tieghu)** sabiex tikkonferma dak pretiz minnu. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti, *oltre* l-provi fl-ghamla ta' dokumenti **(li din il-Qorti trid tghid li kienu esebiti b'mod konfuz, minghajr sekwenza, bla logika bhala oggett ta' prova, whud ukoll ripetuti)** irid ikollha mohhha mistrieh, partikolarment fi proceduri ta' din ix-xorta, ta' indole kriminali, li tista' taghti gudizzju seren, meqjus u skond il-ligi, fondat fuq provi guramentati.

22) Il-bazi tal-azzjoni attrici huwa d-digriet ta' din il-Qorti (Sezzjoni Familja) tal-20 ta' Gunju 2007. Minkejja li kienu esebiti kwantita' ta' dokumenti kif diga' nghad, dak id-digriet ma kienx wiehed minnhom u ghalhekk ma jirrizultax mill-atti. Imbaghad l-attur qed jippretendi li din il-Qorti ghandha ssib lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha meta dokument tant importanti ma jingiebx a konjizzjoni taghha.

23) L-uniku digriet ta' certa rilevanza (ghalkemm mhux daqstant vitali) li kien esebit huwa dak tal-21 ta' Lulju 2006 (fol 36).

24) Quddiem din il-Qorti, il-konvenut sostna bil-gurament tieghu li b'ebda mod ma kien inadempjenti. Dwar punt wiehed il-konvenut kien car u cioe' kull fejn kien jiddependi minnu (direttament jew indirettament), stqarr li huwa kien mexa ma' l-ordnijiet tal-Qorti.

25) Ghalkemm din il-Qorti ma ratx id-digriet tal-20 ta’ Gunju 2007, hija fehmet li bis-sahha ta’ dak id-digriet il-konvenut kien ordnat ihallas nofs il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma li talbet li tithallas martu kif ukoll li b’effett mill-1 ta’ Gunju 2007 mart il-konvenut kellha tibda tithallas minn zewgha Lm 15 kull xahar versu l-ispejjes tad-dawl u tal-ilma.

26) Ghalkemm fl-atti hemm esebiti ricevuti ta’ dawl u ilma, ma hemm l-ebda konferma bil-gurament da parti ta’ Julia Coleiro li tghid li hallset dawk il-kontiijiet hi u li zewgha ma hallas xejn minnhom. Ir-ricevuti in kwistjoni kienu jkopru x-xhur minn Mejju 2006 sax-xahar ta’ April 2007.

27) Ghad ma pproduciex ricevuti, il-konvenut stqarr bil-gurament li ma kellux pendenzi. Il-fatt izda li ma ressaqx ricevuti b’ebda mod ma jfisser li ma kienx ighid is-sewwa. Imkien fl-atti ma jirrizultaw ricevuti skambjati bejn il-konjugi Coleiro lanqas id-dokument a fol 64 ma jiehu l-forma ta’ ricevuta.

28) Id-digriet l-iehor li jissemma fil-gbir tal-provi u cioe’ dak a fol 36 ma ghandu x’jaqsmu mal-pretensjoni attrici fis-sens li dak jirrigwarda l-hlas tal-manteniment tal-minuri Christopher iben il-konjugi Coleiro. Skond id-dokument a fol 105, dak il-manteniment kien qed jithallas direttament mill-paga tal-konvenut.

29) Ghalkemm huwa minnu li, inkalzat kif kien fil-kontroesami, il-konvenut ghamel emfasi, biex isostni d-difiza tieghu, fuq id-dokument a fol 64 tal-process, fl-istess waqt, din il-Qorti trid tghid li ghad li dak id-dokument jirreferi tassew ghal zmien precedenti ghall-allegat digriet tal-20 ta’ Gunju 2007, dak il-fatt wahdu ma jgibx fix-xejn id-difiza tal-konvenut ghax din il-Qorti tirrepeti li l-konvenut sostna li ma kienx inadempjenti u ma tressqet l-ebda prova guramentata li tghid li kien tassew inadempjenti, oneru ta’ prova li kien jinkombi lill-attur li jaghmel.

30) Kontra d-difiza guramentata tal-konvenut, din il-Qorti ssib kwantita’ ta’ dokumenti mhux guramentati

esebiti mill-attur. Din il-Qorti trid tghid ukoll li *la grande assente* f'dawn il-proceduri kienet il-kjamata fil-kawza Julia Coleiro, mart il-konvenut, li ghad li kellha kull opportunita' biex tikkontesta l-provi li ngabru, ghazlet li tibqa', kif ighid il-Malti*, fil-gallarija.*

31) Affermat il-premess, din il-Qorti tghid li m'ghandhiex prova konklussiva u minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-inadempjenza tal-konvenut u wisq anqas ghandha l-prova li l-konvenut ried jisfida lill-Qorti u l-awtorita' taghha. Daqstant iehor mhix tirrizulta, ghal din il-Qorti, il-prova tal-element intenzjonali, li kif diga' nghad, hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz li minghajru l-ebda disprezz ma jista' jsir.

**Ikkunsidrat –**

Ghar-ragunijiet kollha esposti, din il-Qorti **ma tistax**, abbazi tal-provi kollha akkwiziti, tghid li, minghajr dubbju dettat mir-raguni, l-imgieba tal-konvenut tammonta ghal disprezz skond il-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici.**

**Fejn jirrigwarda l-ispejjes tal-kawza, din il-Qorti trid, li in vista tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------